**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 228/2019 RM**

**Wara l-ittra uffiċjali bin-Numru 1940/2019 fl-ismijiet:**

**L-Awtorita` Tal-Ippjanar**

**-Vs-**

**Polidano Brothers Limited u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2020 l-isem "Polidano Brothers Limited" gie mhassar u sostitwit bl-isem "Carmel Polidano"**

**Illum, 16 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Polidano Brothers Limited ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Ottubru 2019 fejn fejn ippremetta u talab is-segwenti:-

*1.Illi l-esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali numru 1940/19 fl-ismijiet premessi fl-24 ta' Settembru 2019 b' liema l-Awtorita qieghda tippretedi li hija kreditrici ta' l-esponenti fl-ammont ta'* ***sebat elef, sitt mija u ħdax il-ewro (€7,611.00)*** *rapprezentanti multi kif ahjar spjegat fl-istess ittra;*

*2.Illi l-esponenti jikkontesta l-istess a tenur ta' l-Art 100 tal-Kap 552 billi l-pretensjoni tal-Awtorita hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet li jinkludu, izda ma humiex limitati ghas-segwenti:*

*3.Preliminarjament,* ***is-soprasessjoni****: din il-pretenzjoni u l-ligi fuq liema hija bazata l-pretenzjoni huma bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti u dan billi l-multi huma multi ta' natura kriminali mposti bhala penali ghal reati li ma gewx imposti minn Qorti kif trid l-Art 37 tal-Kostituzzjoni. Dan il-punt huwa kontestat f'diversi proceduri kostituzzjonali, inkluz partikolarment il-procedura numru 24/19, fl-ismijiet Polidano Brothers Limited Vs L-Awtorita Ta' I-Ippjanar u L-Avukat Generali. Qabel ma l-Awtorita tista' tesegwixxi jew tipprocedi bil-pretenzjonijiet taghha ghandhu jigu deciz definittivament jekk il-ligi fuq liema qieghda tistrieh huwiex validu jew le.*

*4.Fil-fatt jirrizulta li l-Multi mertu ta' din il-kawza, u ohrajn li nhargu mill-awtorita kontra l-esponenti nħargu kontra l-esponenti qed jigu mposti bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti għall-smieh xieraq kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tagħna u anke artikolu 6 tal-konvenzjoni tad-drittijiet fondamentali, u dana għal diversi ragunijiet fosthom billi:*

*a.Il-multi għal dawn ir-reati qed jigu mposti fuq l-esponenti fuq mera allegazzjoni li ma hijiex ikkonfermata minn l-ebda Qorti kontra r-regola tal-prezunzjoni tal-innocenza;*

*b.Inoltre l-Awtorita Intimata qed timponi iktar minn piena u multa waħda għall-istess reat;*

*c.Inoltre apparti l-multi li qed jigu mposti hemm proceduri ta' natura kriminali għaddejjin għall-istess offizi li jistgħu iwasslu għal pieni ohra u dan bi vjolazzjoni tal-principju ne bis in idem;*

*d.Fl-ahhar qed jigu mposti pieni ta' natura kriminali mingħajr ma l-esponenti jkollhom l-opportunita' li jresqu l-kaz taghhom quddiem Qorti indipendenti kif inhu d-dritt tal-esponenti a tenur tal-artikolu 39(1) tal-kostituzzjoni ta' Malta.*

*5.Fit-tieni lok, l-procedura adoperata mill-Awtorita hija monka inkwantu ma tfissirx ir-raguni ghal pretenzjoni ta' l-Awtorita. Isir riferenza ghal-gurisprudenza ta' l-ittri 166A fis-sens li l-ittri ufficjali trid taghti tifsira cara ghala qed tigi mposta din il-multa partikolarment fil-kaz odjerna fejn qeghdin fil-kamp kriminali. L-esponenti jirriserva li jaghmel iktar sottomissjonijiet jekk ikun il-kaz.*

*6.Fit-tielet lok, l-ittra ufficjali mertu ta' dan ir-rikors sar irregolarment billi jidher li hemm ittri ufficjali ohra li nbaghtu fir-rigward ta' l-istess Avviz t'Enfurzar, meta a tenur ta' l-iskeda tal-Avviz legali 276 tas-sena 2012:*

*Fil-kaz li jkun hemm aktar minn illegalita waħda fuq l-istess sit fiż-żmien tal-ħruġ tal-avviz biex tieqaf u ta' twettiq, l-ogħla rata għall-iżvilupp illegali li jkun twettaq wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispozizzjonijiet, tiġi imposta.*

*Fir-realta qed jiġu mposti multipliċita ta' multi għall-istess avvizi ta' twettiq.*

*7.Fir-raba' lok, billi l-multa qieghda tigi spezzettata l-intimati ghandhom jgibu prova li l-ammont globali tal-penali ma jeccedix is-massimu ta' 50,000 euro impost a tenur ta' l-proviso tar-regolament 3(2) ta' l-Avviz Legali 276/12;*

*Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jirriserva li jressaq dawk il-provi u jaghmel dawk is-sottomissjonijiet kollha lilha permessi fil-ligi titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-pretenzjonijiet ta' l-Awtorita tal-Ippjanar u tiddikjara l-istess pretenzjoni infondata u dan salv kull dikjarazzjoni u provvediment iehor xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni tal-Awtorita intimata.*

Rat ir-Risposta tal-Awtorita` tal-Ippjanar npprezentata fit-13 ta' Novembru 2019 fejn gie eccepit:-

1. *"Illi preliminarjament l-irricevibilita`, l-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors odjern billi ma hemm ebda ittra ufficjali, bin-numru 1940/19, mahruga mill-Awtorita` tal-Ippjanar kontra Polidano Brothers Limited, u lanqas kieku tali att gudizzjarju kien jezisti, jigi allura li r-rikorrent, Carmel Polidano, li mexxa b'dan ir-rikors f'ismu proprju, m'ghandu ebda interess guridiku li joqghod f'dawn il-proceduri.*

2. *Illi f'kull kaz, u biss minghajr assolutament ebda hsara ghall-permess, din l-Onorabbli Qorti hi ezawtorata milli, fi proceduri specjali ta' din ix-xorta, tistharreg u tiddeciedi dwar l-ilmenti ta' bixra Kostituzzjonali/Konvenzjonali msemmija minn Carmel Polidano fil-paragrafi numerate (3) u erba' (4) (inkluz l-paragrafi "a" sa "d") ta' dan ir-rikors. Punt dan, li Carmel Polidano stess jaccettah tant li qed jitlob is-soprasessjoni f'dawn il-proceduri. Tali "talba" ghas-soprasessjoni hi, f' kull kaz, manifestament fiergha u nfondata, billi (i) Carmel Polidano proprio ma ressaq ebda proceduri Kostituzzjonali, izda kienet is-socjeta' Polidano Brothers Limited li ntavolat il-kawza Kostituzzjonali li ghaliha ssir riferenza fir-rikors tal-lum; (ii) f'kull kaz, l-ittra ufficjali (del resto nezistenti) li qed tissemma f'dan ir-rikors, ma tifformax parti mill-mertu ta' dik il-kawza Kostituzzjonali, mibdija minn haddiehor u mhux minn Carmel Polidano; u (iii) f'kull kaz, bla hsara ghal dak kollu li ghadu kif inghad, kieku biss ghall-grazzja tal-argument, kien hemm tabilhaqq proceduri kostituzzjonali mibdija minn Carmel Polidano, din il-Qorti xorta wahda ma kien ikollha ebda raguni ghala tissospendi s-smigh ta' dawn il-proceduri billi dawn il-proceduri ssarrfu fir-rimedju ordinarju/mezz xieraq ta' rimedju li tahseb ghalih il-Ligi tal-Ippjanar biex wiehed jopponi ghal kull talba ghall-hlas imressqa mill-Awtorita` skont l-Artikolu 100 tal-Kapitolu 552.*

3. *Illi mbaghad, dejjem bla hsara ghall-permess, l-Awtorita` genwinament tiskanta kif Carmel Polidano jasal jasserixxi li l-Awtorita` ma tat ebda ragun*

*biex issostni l-pretenzjoni taghha, meta hawn qed nitkellmu dwar hlas ta' daily fine dovuta b'rabta ma' enforcement notice mahruga, u debitament notifikata, lill-contravener aktar minn sena ilu; fejn fl-istess avviz inghatat twissija cara bl-izvilupp illegali estensiv imwettaq mir-rikorrent konsistenti fi "zvilupp mhux skont il-permess PA 06580/04, li jikkonsisti f': 1. binja mibnija 'l barra mill-linja ufficjali tal-izvilupp (building line); 2. bdil ta' l-uzu tal-art, minn dik pubblika ghal tqeghid ta' mwejjed u siggijiet; 3. strutturi maghmula minn qafas tal-metall, li jintuzaw bhala tined, quddiem l-istabbiliment; 4. tqeghid ta' 'planters' madwar l-imsemmija mwejjed u siggijiet; 5. bini ta' hajt tal-madwar, quddiem parti mill-istabbiliment; 6. pavimentar tal-parti tal-art pubblika, fejn tqieghdu l-imwejjed u s-siggijiet. Dan kollu minghajr permess u kif gie ndikat fl-applikazzjoni PA 06297/16, li giet rifjutata." Ir-rikorrent injora l-istess enforcement notice u, bl-aktar mod illegali u abbuziv, baqa ghaddej bl-illegalita` minnu mwettqa. Ir-rikorrent gie mgharraf wkoll bid-daily fine imposta fuqu ghal kull jum li fih dan tal-ahhar ippersista b'illegalita` minnu mwettqa, izda minkejja kull twissija li nghatat, l-istess rikorrent baqa –* ***kif ghadu sal-lum*** *- jwebbes rasu u jippersisti fl-izvilupp manifestament illegali mwettaq minnu. Ghalhekk ir-rikorrent jrid ikun tabilhaqq azzardat biex jigi issa u jghid li ma kienx jaf dwar x'hiex, jew ma nghata ebda raguni dwar x'hiex, qed jintalab il-hlas mill-Awtorita`.*

4. *Hawn rilevanti ukoll li jinghad li r-rikorrent qatt ma kkontesta l-enforcement notice mahruga fil-konfront tieghu bil-proceduri opportuni ta' appell li tahseb ghalihom il-Ligi tal-Ippjanar, u allura r-rikorrent illum gie li ssokkomba u accetta l-ordnijiet kontenuti fl-imsemmija enforcement notice, u gie li rrikonoxxa u accetta li qieghed fi stat ta' illegalita` manifesta. Min b'ghemilu, bhal fil-kaz tar-rikorrent, juri attitudni ta' sfida u prepotenza lejn il-Ligi, m'ghandu qatt jigi kkawtelat, f'dan l-ghemil tieghu, minn ebda Qorti f'dan il-pajjiz. Anzi ghemil bhal dan ghandu jigi ccensurat mill-Qorti bl-aktar mod assolut.*

5. *L-ahhar zewg oggezzjonijiet imressqa mir-rikorrent fil-paragrafi numerati sitta (6) u sebgha (7) tar-rikors tieghu, huma daqstant iehor fiergha u nfondati. Anzi jekk xejn dawn l-oggezzjonijiet ikomplu juru l-attitudni ta' sfida lejn il-ligi li wera, kif ghadu qed juri sal-lum ir-rikorrent, ghaliex kull multa mposta mill-Awtorita` tghodd ghal perjodu differenti li fih ir-rikorrent baqa ghaddej bl-illegalita` minnu mwettqa, kif fil-fatt ghadha hekk ghaddejja sal-lum. L-unika raguni ghala l-multi gornaljieri ma waqfux jiddekorru, hi propju ghaliex ir-rikorrent baqa', u ghadu sal-lum, iwebbes rasu u jippersisti bil-ksur tieghu tal-Ligi.*

6. *Finalment, kif ser jintwera bic-car mill-Awtorita` waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' dan il-kaz, l-ammont mitlub mill-Awtorita` nhadem korrettement u skont il-Ligi. Illi ghalhekk l-oggezzjonijiet finali tar-rikorrent ma fihom ebda siwi wkoll ghaliex l-ammont mitlub mill-Awtorita` jirrifletti precizament il-penali gornaljera, imposta a tenur ir-regolament 3 tal-Avviz Legali 276 tal-2012, li akkumulat tul il-perjodi diversi li fihom ir-rikorrent njora l-ordni kontenuta fl-Avviz ta' twettiq u baqa' ghaddej – kif ghadu sal-lum – bl-izvilupp illegali mwettaq minnu. Hadd ma jista jippretendi li jitla 'l fuq mill-ligi, jikkometti l-illegalitajiet, jippersisti fl-illegalitajiet tieghu u mbaghad jintavola rikors bhal ma hu dak odjern, li apparti hu null u monk, hu wkoll ghal kollox karneti minn bazi legali, biex ingustament jipprova jevita li jhallas il-penali li l-ligi timpani bhala sanzjoni fuq min, bhal fil-kaz tar-rikorrent, jagixxi bi ksur manifest tal-Ligi tal-Ippjanar.*

*Illi ghar-ragunijiet premessi, it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tiddikjara t-talba Awtorita` intimata bhala wahda nfondata ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."*

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu 2020 fejn laqghet it-talba ta' Carmel Polidano u awtorizzat il-korrezzjoni minnu mitluba fl-okkju tar-Rikors promotur billi ordnat li l-

isem "*Polidano Brothers Limited*" jithassar u jigi sostitwit bl-isem « *Carmel Polidano* ».

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Novembru 2020 fejn ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għall-waqfien tal-proċeduri odjerni pendenti l-eżitu tal-proċeduri kostituzzjoni pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Rikors Numru 24/19 u ordnat li s-smigħ ta' dan il-proċediment jissokta quddiemha;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha li ġew prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-avukati tal-partijiet;

Rat illi r-Rikors ġie mħolli għal-lum sabiex jiġi deċiż finalment;

Ikkunsidrat;

Kif ingħad diġa', it-talba magħmula mir-rikorrent fit-tielet paragrafu tar-Rikors promotur, fejn intalbet is-soprasessjoni pendenti l-eżitu ta' proċeduri kostituzzjoni, ma ġietx akkolta u għalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra biss il-preġudizzjali mressqa mir-rikorrent fil-ħames, is-sitt u s-seba' paragrafi tar-Rikors iżda mhux ukoll fir-raba' paragrafu. Dan qed jingħad għaliex il-konsiderazzjonijiet li jolqtu s-siwi tal-liġi u l-konformita' o meno tagħha mal-ħtiġiet tal-Kostituzzjoni in materja ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem, ma jistgħux jifformaw parti mid-dibattitu quddiem din il-Qorti fil-proċediment odjern: dan hu l-kompitu tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha li quddiemha qegħdin jinsemgħu l-proċeduri tar-Rikors bin-Numru 24/2019 fl-ismijiet **Polidano Brothers Limited vs l-Awtorita` tal-Ippjanar u l-Avukat Generali**.

Kif rajna, ir-Rikors promotur ġie intavolat mir-rikorrent a tenur u għall-finijiet tal-Artikolu 100(5) u (6) tal-Kap. 552 li taħseb għal proċedura li tagħti lill-persuna li tiġi notifikata b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar dejn dovut lilha, l-opportunita' li tikkontesta l-pretensjoni fi proċediment ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar il-fondatezza o meno tal-pretensjoni. L-istħarriġ speċifiku li għandu jiġi kondott mill-Qorti f'dan il-każ huwa preordinat għal dikjarazzjoni jekk il-pretensjoni għall-ħlas tad-dejn li qed jiġi rkuprat mill-Awtorita' tal-Ippjanar, hijiex fondata u għalhekk, kwistjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fondamentali jeżorbitaw mill-iskop ta' dan l-istħarriġ. Fi kwalsiasi każ, din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Maġistrati m'għandhiex il-ġurisdizzjoni meħtieġa biex tinvesti kwistjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fondamentali, liema ġurisdizzjoni, bis-saħħa tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, hija konferita esklussivament lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li kif ingħad, diġa' qiegħda tittratta u sejra tiddisponi mill-kwistjoni mqanqla mir-rikorrent dwar l-allegat ksur.

Dan ifisser illi l-konsiderazzjonijiet magħmula mir-rikorrent fir-raba' paragrafu tar-Rikors promotur u fit-trattazzjoni orali tad-difensur tiegħu, li huma ta' indoli Kostituzzjonali jew Konvenzjonali - fosthom għalhekk li l-multi msemmija fl-ittra uffiċjali bin-numru 1940/19, mertu ta' dan il-proċediment, huma multi ta' natura kriminali li ma ġewx inflitti jew affermati minn qorti kif trid il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, iżda ġew imposti mill-Awtorita` intimata merament fuq ħruġ ta' avviż ta' enfurzar (Avvizi biex Tieqaf u ta' Twettiq) mingħajr ir-rikorrent ma nghata opportunita` li jressaq il-kontestazzjoni tiegħu quddiem awtorita' ġudizzjarja indipendenti u dan bi ksur tad-dritt għall-presunzjoni tal-innocenza u d-dritt għal smigħ xieraq – ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni fid-deċiżjoni dwar il-fondatezza o meno tal-pretensjoni tal-Awtorita' intimata għall-ħlas tad-dejn li qed tipprova tirkupra mingħand ir-rikorrent.

Ġie sottomess ukoll mill-avukat tar-rikorrent fit-trattazzjoni illi l-fatt illi nħarġet *letter to prosecute* fil-konfront tar-rikorrent u ttieħdu proċeduri kriminali kontrih b'rabta

mal-ħlas tal-multi imposti mill-Awtorita' tal-Ippjanar, ikompli jafferma t-teżi tar-rikorrent li dawn il-multi huma ta' natura kriminali u bħala tali għandhom jiġu imposti mhux minn entita' amministrattiva iżda minn qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali b'setgħat ġudizzjarji bi dritt ta' appell stabbilit mil-liġi. Ġie sottomess ukoll illi l-fatt li ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent meta qed jintalab iħallas il-multi in diżamina, jista' jwassal għal leżjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* fir-rigward tiegħu.

Diġa' ġie stabbilit illi l-kwistjonijiet li jolqtu leżjoni ta' drittijiet fondamentali jeżorbitaw mill-iskop tal-istħarriġ li għandu jsir f'dan il-proċediment, iżda biex jiġi indirizzat il-lanjanza speċifika tar-rikorrent b'rabta mal-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu, il-Qorti tibda biex tosserva illi minn eżami tal-provi proċesswali ma jirriżultax illi jinsabu ghaddejjin fil-konfront tar-rikorrent xi proceduri kriminali b'akkużi naxxenti mill-istess avviz ta' twettiq mertu tal-proceduri odjerni (ECF22/18). Fil-fatt, ma nġiebet l-ebda prova kwalsiasi in sostenn tal-kontenzjoni tiegħu kif imsejsa fuq il-princiju ta' *ne bis in idem*, la dwar ir-reati speċifiċi li jinsab mixli bihom Carmel Polidano u lanqas jekk dawn il-proċeduri ġewx determinati u jekk ġiex misjub ħati jew liberat mill-akkużi. Magħdud dan il-fatt li mir-risposta intavolata mill-Awtorita` tal-Ippjanar fil-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Rikors Numru 24/19, jidher illi l-proceduri penali li jinsabu pendenti kontra r-rikorrent odjern, Carmel Polidano, jirreferu għal żviluppi illegali mwettqin qabel is-sena 2012, filwaqt illi l-multi msemmija fl-ittra uffiċjali Numru 1940/2019 jirreferu għal żvilupp illegali mwettaq fis-sena 2018.

Il-Qorti ma għandha ebda prova quddiemha li jeżistu proċedurali kriminali oħrajn pendenti jew deċiżi fil-konfront tar-rikorrent Carmel Polidano oltre dawk indikati mill-Awtorita` intimata fl-imsemmija risposta tagħha għar-Rikors 24/2019, filwaqt Marthese Debono[1] xehdet illi fir-rigward tas-sit mertu tal-avviż ta' twettiq in diżamina

[1] Xhieda tas-17 ta' Mejju 2021.

(ECF 22/18), ċioe' Water's Edge, Misraħ is-Summit, Triq Carmelo Caruana, Birżebbuga, ma jirriżultax li ttieħdu xi proċeduri kriminali.

B'żieda ma' dan, jiġi osservat illi ma ntweriex kif il-proceduri kriminali li jissemmew fir-Rikors promotur huma l-istess proceduri kriminali li jissemmew fil-kopja tar-Rikors kostituzzjonali bin-Numru 24/19 fl-ismijiet **Polidano Brothers Limited v. L-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Avukat Ġenerali**[2] li ttiehdu kontra Carmel Polidano, jew li teżisti xi rabta bejn dawk il-proċeduri kriminali u l-avviz ta' Twettiq u l-multa reklamata mill-Awtorita` intimata mertu tal-proceduri odjerni. Lanqas ma ntwera sodisfaċjentement kif il-proċeduri kriminali li saret referenza għalihom fl-imsemmi Rikors kostituzzjonali jistgħu jolqtu l-imposizzjoni tal-multi reklamati fl-ittra uffiċjali bin-Numru 1940/19, mertu ta' dan il-proċediment odjern.

Għaldaqstant, u f'kull każ, mhemm xejn fl-atti proċesswali li tissostanzja l-allegazzjoni li l-imposizzjoni tal-multa li l-ħlas tagħha ġiet mitluba fl-ittra uffiċjali Numru 1940/2019, tista' twassal ghal lezjoni wkoll tal-principju *ne bis in idem* u l-Qorti sejra għalhekk tiskarta din il-preġudizzjali.

Ikkunsidrat;

Fil-ħames paragrafu tar-Rikors, ir-rikorrent isostni li l-proċedura segwita mill-Awtorita' intimata f'dan il-każ hi "monka" għaliex imkien ma ġie mfisser ir-raġuni għall-pretensjoni tagħha għall-ħlas tal-multi msemmija fid-dikjarazzjoni ġuramentata mertu ta' dan il-proċediment. Ir-rikorrent jagħmel referenza għall-Artikolu 166A u jissenjala d-differenza bejn il-ħtiġiet sostantivi tal-proċedura in diżamina u dawk taħt l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 fejn il-liġi teħtieġ li jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.

[2] Fol. 22, 23 u 24 tal-atti tar-Rikors bin-Numru 219/2019, liema prova tgħodd bħala prova wkoll għall-fini tal-proċeduri odjerni.

Ir-rikorrent għandu raġun li l-liġi taħt l-Artikolu 100 tal-Kap. 552 ma teħtieġx li tingħata tifsira ċara dwar ir-raġuni għad-dejn li l-ħlas tiegħu jkun qed jiġi reklamat u dan diversament mill-Artikolu 166A tal-Kap. 12, iżda dan ma jfissirx li l-proċedura segwita f'dan il-każ hija irregolari jew monka kif ġie sottomess. Dan il-proċediment huwa wieħed speċjali mogħti mil-liġi bħala eċċezzjoni għall-proċedura ordinarja li trid tiġi segwita biex twassal għall-kanonizzazzjoni ta' krediti u ghalhekk, teħtieġ applikazzjoni stretta u interpretazzjoni rigoruża għal dak li jikkonċerna l-adempiment u osservanza tar-rekwiżiti imposti mil-liġi. Għaldaqstant, ġaladarba l-liġi ma teħtieġ l-ebda partikolarita' sostantiva għall-fini tal-validita' tal-proċedura għall-irkupru ta' dejn dovut lill-Awtorita' taħt xi liġi jew regolament li hija jkollha l-jedd li tenforza, **għajr għal dikjarazzjoni ġuramentata dwar ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u konferma li dan ikun dovut**, il-Qorti trid tqis is-siwi o meno tal-proċedura segwita biss bil-kejl stabbilit espressament mil-liġi u l-ebda kejl ieħor, lanqas dak stabbilit mill-Artikolu 166A tal-Kap. 12.

Issa fil-każ in diżamina, il-Qorti rat il-kopja tad-dikjarazzjoni ġuramentata taċ-Chairman Ezekuttiv Johann Buttigieg datata 17 ta' Settembru 2019, annessa mal-ittra ġudizzjarja bin-numru 1940/19 li ġiet notifikata lir-rikorrent, fejn ix-xorta tad-dejn fis-somma komplessiva ta' €7,611 ġie dikjarat bħala dovut mir-rikorrent Carmel Polidano u ġie mfisser bħala "*ħlas dovut lill-Awtorita' dovuta in kwantu għal €3,656.00 bħala multa għal kull ġurnata skond ir-regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata (Avviż Legali 276/2012) rigwardanti żvilipp mingħajr permess ta' żvilupp kif speċifikat fl-avviż ta' twettiq numru ECF 22/18 matul il-perijodu mis-16 ta' Frar 2018 sal-4 ta' Diċembru 2018, liema ħlas hu dovut skond Invoice numru 10616; u in kwantu għal €3,955.00 bħala multa għal kull ġurnata rigward tal-istess, matul il-perijodu mill-5 ta' Diċembru 2018 sas-26 ta' Mejju 2019, liema ħlas hu dovut skond Invoice numru 10828.*" Ic-Chairman Eżekuttiv ikkonferma wkoll fl-istess dikjarazzjoni ġuramentata li l-imsemmi ammont għadu dovut.

Għall-Qorti dan kollu jfisser illi l-proċedura taħt l-Artikolu ġiet osservata b'mod sħiħ u d-dikjarazzjoni ġuramentata hija pjenament konformi mal-ħtiġiet tal-liġi u b'hekk,

mhux talli m'hijiex monka iżda hi tabilħaqq idonea biex twassal għall-otteniment ta' titolu eżekuttiv a tenur tal-Artikolu 100(6) u (7) tal-Kap. 552. Fuq kollox, huwa minnufih evidenti mill-kontenut tad-dikjarazzjoni ġuramentata moqrija flimkien mar-regolament 3 tal-Avviż Legali 276 tal-2012, illi r-raġuni għall-ħlas tal-multa hi l-żvilupp illegali mwettaq mingħajr permess bi ksur tal-ħtiġiet tal-avviż ta' twettiq u infurzar ECF 22/18.

Għaldaqstant, il-lanjanza tar-rikorrent kif imfisser fis-sitt paragrafu tar-Rikors, hi manifestament infondata.

Ikkunsidrat;

Fit-tielet lok, ir-rikorrent isostni illi l-ittra uffiċjali li tat lok għal din il-proċedura saret irregolarment billi "*jidher li hemm ittri uffiċjali oħra li ntbagħtu fir-rigward tal-istess Avviż tal-Infurzar*" u konsegwentement, qed jiġu imposti multipliċita' ta' multi għall-istess avviżi ta' twettiq.

Ir-rikorrent madanakollu, ma ressaq l-ebda prova kwalsiasi in sostenn ta' din il-preġudizzjali u fl-atti baqa' ma pproduċa l-ebda ittra uffiċjali oħra li biha saret interpellazzjoni għall-ħlas ta' xi multi oħrajn naxxenti mill-istess Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF 22/18. L-unika ittra uffiċjali li għandha quddiemha l-Qorti hi dik mertu tal-proċediment odjern fejn ir-rikorrent qed jiġi intepellat jħallas multa għal kull ġurnata minħabba żvilupp mhux skont il-permess PA 06580/04 konsistenti f'diversi illegalitajiet elenkati fl-istess Avviż[3].

Ma jirriżultax u fi kwalsiasi każ ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova biex juri illi fuq l-istess Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq, ECF 22/18, huwa qed jintalab iħallas "*multipliċita' ta' multi*". Huwa minnu wkoll li nħarġu żewġ fatturi differenti għall-ħlas tal-multa ġornaliera iżda l-Qorti tosserva li dawn inħarġu għal żewġ perijodi

[3] Ara Dok. MD01, paġna 66 u 67 tal-atti.

differenti, nonche' konsekuttivi. L-unika multa oħra li mill-atti proċesswali jidher li ġiet imposta in konnessjoni mal-imsemmi Avviż ECF 22/18 b'żieda mal-multi msemmija fiż-żewġ invoices mertu ta' dan il-proċediment, hija multa fis-somma ta' €2,550 skont fattura INV 10988. Dan jirriżulta mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Marzu 2021[4], liema petizzjoni ma ntlaqgħetx. Iżda r-rikorrent naqas milli juri illi din il-multa ġiet imposta u tkopri l-istess perijodu tal-fatturi li għandha quddiemha l-Qorti f'dan il-proċediment, ċioe' 4 ta' Frar 2018 u 26 ta' Mejju 2019.

Inoltre, jiġi osservat illi fir-rigward tar-referenza li saret mir-rikorrenti fis-sitt paragrafu tar-Rikors, għar-regola dwar l-applikazzjoni tal-ogħla rata ta' multa ġornaliera għall-iżvilupp illegali f'każ li jkun hemm aktar minn illegalità waħda fuq l-istess sit, jirriżulta illi effettivament ġew riskontrati numru ta' illegalitajiet fl-istess sit, skont kif speċifikat fl-Avviż ta' Twettiq ECF 22/18 u konsegwentement, kif sewwa sottometta r-rikorrent, għandha tiġi imposta l-ogħla rata għall-iżvilupp illegali għall-fini tal-kalkolu tal-multa ġornaliera stabbilita fir-regolament 3 tal-Avviż Legali 276 tal-2012.

Għaldaqstant, din il-preġudizzjali, kif imfissra fis-sitt paragrafu tar-Rikors, ukoll qed tiġi respinta.

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent jikkontendi wkoll illi l-Awtorita' trid tipprova li l-ammont globali tal-penali ma jeċċedix il-massimu fis-somma ta' €50,000 kif maħsub fir-regolament 3 tal-L.S. 552.24. Dan jipprovdi:

*(1) Meta l-Awtorità tagħti avviż bil-miktub lil xi persuna skond l-artikolu 86 jew 88 ta' l-Att fir-rigward ta' ksur li jkun sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-*

[4] Dok. KC6, paġna 84 tal-atti tal-kawża.

*regolamenti, l-Awtorita` għandha tavża wkoll lil dik l-istess persuna li hu jkun qiegħed jiġi soġġett għal multa għal kull ġurnata wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika ta' l-avviż kif stabbilit u stipulat fid-dispożizzjonijiet ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.*
*(2) Dik il-multa għandha tiġi imposta bla ħsara għal xi multa oħra jew ammont ieħor dovut lill-Awtorità taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att, u għandha tkun soġġetta għal multa ta' mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000).*

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-persuna li fil-konfront taghha jkun inhareġ dan l-Avviż tista' tagħżel, minflok tneħħi l-iżvilupp illegali, li tapplika mal-Awtorita' f'tentattiv li jigi sanat l-iżvilupp li jkun sar mingħajr permess u tista' wkoll tinterponi appell mill-Avviż ta' Twettiq quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Iżda fi kwalsiasi kaz li jkun, mill-egħluq taż-żmien speċifikat fl-Avviż jibdew jiddekorru l-multi ġornalieri kif maħsub fir-regolament 3 tal-L.S. 522.24, liema multi jibqgħu jakkumulaw sakemm l-iżvilupp illegali jitneħħa fl-intier tiegħu jew sakemm ikun hemm eżitu pożittiv tal-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp sanatorju, skont il-kaz[5], sa massimu ta' €50,000.

Madanakollu, minkejja li huwa ppruvat li r-rikorrent kien debitament notifikat bil-ħruġ tal-Avviż ECF 22/18 meta dan inħareġ fid-9 ta' Frar 2018, ma jirrizultax illi huwa interpona appell mill-Avviż ta' Twettiq ECF 22/18 quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u ma jidhrix li hemm xi kontestazzjoni da parti tar-rikorrent dwar il-validita` tal-ħruġ tal-istess Avviż u lanqas dwar il-kategorija li ġiet applikata għall-fini tal-komputazzjoni tal-multa għal kull ġurnata. Huwa minnu li r-rikorrent kien issottometta applikazzjoni biex jiġu sanati wħud mill-illegalitajiet riskontrati fis-sit, mertu tal-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF 22/18 (PA6297/16), iżda jirriżulta illi din l-applikazzjoni ġiet rifjutata u l-appell li ġie interpost mir-

[5] F'kaz li l-Avviz mahrug taht il-provvedimenti tal-Artiklu 86 tal-Kap. 504, jigi annullat skont kif mahsub fis-subartikolu (12)(a) tal-Artikolu 86 tal-Kap. 504, l-ebda multa ma tibqa' dovuta.

rikorrent minn dan ir-rifjut, quddiem it-Tribunal (Appell 183/17) ma kellux eżitu pożittiv għar-rikorrent[6].

Fuq kollox, ma tressqet l-ebda prova lanqas biex turi li r-rikorrent għamel xi ħaġa biex jottempera ruħu mal-ordni mogħtija mill-Awtorita' fl-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF 22/18, la entro sittax-il ġurnata biex jiġi evitat id-dekorriment tal-multa ġornaliera, u lanqas wara, matul il-perijodu li għalih ġiet komputata l-multa ġornaliera mertu ta' dan il-proċediment.

L-obbligu tar-rikorrent, ġaladarba kien notifikat bl-Avviż maħruġ fid-9 ta' Frar 2018, kien li jneħħi l-iżvilupp illegali identifikat fl-istess Avviż u jekk kien serjament bi ħsiebu jwaqqaf id-dekorriment tal-multa ġornaliera, li jgħarraf lill-Awtorita' tempestivament bl-ottemperanza tiegħu mal-ordni mogħti fl-istess Avviż. Iżda fin-nuqqas ta' prova li r-rikorrent issodisfa dan l-obbligu, żgur li ma jistax, leġittimament, jistenna li l-multa ġornaliera ma kellhiex tiddekorri matul dawk il-perijodi ta' żmien li fihom din l-illegalita' baqgħet tippersisti fis-sit.

Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mir-rikorrent, ma jirriżultax illi l-multa li f'dan il-każ il-ħlas tagħha qed jiġi reklamat mill-Awtorita' fl-ittra uffiċjali mertu ta' dan il-proċediment, ġiet "*spezzettata*". Għall-kuntrarju, jirriżulta li ż-żewġ fatturi li abbażi tagħhom ġiet komputata l-multa fis-somma komplessiva ta' €7,611, inħarġu, kif diġa' stabbilit, in kwantu għal żewġ perijodi differenti u flimkien ma jeċċedux, kif inhu manifest, is-somma ta' €50,000.

Fuq kollox, Roderick Livori, rappreżentant tal-Awtorita' intimata, xehed illi ma saru l-ebda ħlasijiet fuq iż-żewġ invoices li ntalab il-ħlas tagħhom permezz tal-ittra uffiċjali Numru 1940/19.

---

[6] Ara Dok. KC1, paġna 74 *et seq.* tal-atti tal-kawża.

Għaldaqstant, il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent li l-pretensjoni għall-ħlas li saret mill-Awtorita' tal-Ippjanar fl-ittra gudizzjarja bin-Numru 1940/2019 hija infondata.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent fir-Rikors tiegħu tal-14 ta' Ottubru 2019, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess rikorrent.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**